**Parlament Ewropew**

2014-2019

*Dokument ta' sessjoni*

**A8-0223/2017**

13.6.2017

# RAPPORT

dwar it-talba għat-tneħħija tal-immunità ta' Marine Le Pen
(2017/2021(IMM))

Kumitat għall-Affarijiet Legali

Rapporteur: Sajjad Karim

# WERREJ

**Paġna**

PROPOSTA GĦAL DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW ...................................... 3

NOTA SPJEGATTIVA........................................................................................................ 6

INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI FIL-KUMITAT RESPONSABBLI ................ 12

## PROPOSTA GĦAL DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW

**dwar it-talba għat-tneħħija tal-immunità ta' Marine Le Pen (2017/2021(IMM))**

Il-Parlament Ewropew,

– wara li kkunsidra t-talba għat-tneħħija tal-immunità ta' Marine Le Pen, mibgħuta fid-9 ta' Diċembru 2016 minn Pascal Guinot, Prosekutur Ġenerali tal-Qorti ta' Appell ta' Aix-en-Provence, u mħabbra fis-seduta plenarja fid-19 ta' Jannar 2017,

– wara li stieden lis-Sinjura Le Pen biex tinstema' fid-29 ta' Mejju u fit-12 ta' Ġunju 2017, skont l-Artikolu 9(6) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

– wara li kkunsidra l-Artikolu 8 u 9 tal-Protokoll Nru 7 dwar il-Privileġġi u l-Immunitajiet tal-Unjoni Ewropea kif ukoll l-Artikolu 6(2) tal-Att dwar l-elezzjoni tar-rappreżentanti tal-Parlament Ewropew b'suffraġju universali dirett, tal-20 ta' Settembru 1976,

– wara li kkunsidra s-sentenzi mogħtija mill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea fit-12 ta' Mejju 1964, fl-10 ta' Lulju 1986, fil-15 u fil-21 ta' Ottubru 2008, fid-19 ta' Marzu 2010, fis-6 ta' Settembru 2011 u fis-17 ta' Jannar 2013[1],

– wara li kkunsidra l-Artikoli 23(1), 29(1), 30 u 31(1) tal-Att tad-29 ta' Lulju 1981 u l-Artikoli 93–2 u 93–3 tal-Att tad-29 ta' Lulju 1982,

– wara li kkunsidra l-Artikoli 5(2) u 6(1) u l-Artikolu 9 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

– wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Affarijiet Legali (A8-0223/2017),

A. billi l-Prosekutur Ġenerali tal-Qorti tal-Appell talab it-tneħħija tal-immunità ta' Membru tal-Parlament Ewropew, Marine Le Pen, b'rabta ma' azzjoni legali rigward reat allegat;

B. billi skont l-Artikolu 8 tal-Protokoll Nru 7 dwar il-Privileġġi u l-Immunitajiet tal-Unjoni Ewropea il-Membri tal-Parlament Ewropew m'għandhom ikunu suġġetti għal ebda forma ta' investigazzjoni, detenzjoni jew proċeduri legali, fir-rigward ta' opinjonijiet espressi jew voti mogħtija minnhom fil-qadi ta' dmirijiethom.

C. billi, skont l-Artikolu 9 tal-Protokoll Nru 7, waqt is-sessjonijiet tal-Parlament Ewropew, il-Membri tiegħu għandhom igawdu, fit-territorju tal-Istat tagħhom stess, l-immunitajiet mogħtija lil membri tal-parlament tagħhom;

D. billi l-Artikolu 26 tal-Kostituzzjoni Franċiża jiddisponi li l-ebda Membru tal-Parlament ma jista' jiġi arrestat jew soġġett għal kwalunkwe miżura oħra li tneħħilu l-libertà jew

[1] Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tat-12 ta' Mejju 1964, *Wagner vs Fohrmann u Krier*, 101/63, ECLI:EU:C:1964:28; sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-10 ta' Lulju 1986, *Wybot vs Faure u oħrajn*, 149/85, ECLI:EU:C:1986:310; sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-15 ta' Ottubru 2008, *Mote vs il-Parlament*, T-345/05, ECLI:EU:T:2008:440; sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-21 ta' Ottubru 2008, *Marra vs De Gregorio u Clemente*, C-200/07 u C-201/07, ECLI:EU:C:2008:579; sentenza tal-Qorti Ġenerali tad-19 ta' Marzu 2010, *Gollnisch vs il-Parlament*, T-42/06, ECLI:EU:T:2010:102; sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tas-6 ta' Settembru 2011, *Patriciello*, C-163/10, ECLI: EU:C:2011:543; sentenza tal-Qorti Ġenerali tas-17 ta' Jannar 2013, *Gollnisch vs il-Parlament*, T-346/11 u T-347/11, ECLI:EU:T:2013:23.

tirristringilu dik il-libertà minħabba reati kriminali jew minuri mingħajr l-awtorizzazzjoni tal-Assemblea li jagħmel parti minnha, u li tali awtorizzazzjoni ma tkunx meħtieġa jekk ikun sar reat gravi, fil-każ ta' *flagrante delicto* jew il-ħruġ ta' sentenza finali;

E. billi Marine Le Pen hija akkużata b'diffamazzjoni pubblika ta' uffiċjali eletti pubblikament, reat li hemm dispożizzjonijiet dwaru fid-dritt Franċiż, partikolarment fl-Artikoli 23(1), 29(1), 30 u 31(1) tal-Att tad-29 ta' Lulju 1981 u l-Artikoli 93–2 u 93–3 tal-Att tad-29 ta' Lulju 1982;

F. billi fit-28 ta' Lulju 2015, Christian ESTROSI ppreżenta quddiem id-Dekan tal-imħallfin tal-istruttorja ta' Nizza lment b'intervent ċivili kontra Marine Le Pen bl-akkuża ta' diffamazzjoni pubblika ta' ċittadin li għandu kariga pubblika temporanja; billi huwa jsostni li fit-3 ta' Mejju 2015, waqt il-programm LE GRAND RENDEZ-VOUS imxandar simultanjament fuq iTÉLÉ u fuq Europe 1, Marine LE PEN għaddiet il-kummenti li ġejjin li jikkostitwixxu allegazzjonijiet jew attribuzzjonijiet ta' fatt li jippreġudikaw l-unur u r-reputazzjoni tiegħu:

"Isma', dak li naf hu dan: Is-Sur Estrosi iffinanzja UOIF (Unjoni ta' Organizzazzjonijiet Iżlamiċi fi Franza); huwa ġie kkundannat mill-qrati amministrattivi talli kkonċeda kirja baxxa ħafna lil moskea UOIF u anki l-Qorti Amministrattiva ċanfritu, li jikkorrispondi, fir-realtà, għall-mod kif dawn is-sindki jiffinanzjaw illegalment il-moskej, bi ksur tal-liġi tal-1905; meta wieħed jiċċappas bil-klijenteliżmu u bil-komunitariżmu, ovvjament wieħed ikollu joqgħod jgħolli leħnu u jagħmel diskorsi xokkanti, imma jiena ma nagħtix importanza lill-kliem iżda lill-azzjonijiet..."; bi tweġiba għal mistoqsija min-naħa tal-intervistatur "Jiġifieri Estrosi huwa kompliċi tal-ġiħadisti?", is-Sinjura Le Pen allegatament wieġbet: "Għajnuna, forniment ta' riżorsi, assistenza; meta wieħed jgħin fit-twaqqif, it-tixrid, u r-reklutaġġ tal-fundamentaliżmu Iżlamiku, b'xi mod, moralment, iva, jkun ftit kompliċi";

G. billi Marine Le Pen ġiet mistiedna darbtejn għal seduta ta' smigħ, skont l-Artikolu 9(6) tar-Regoli ta' Proċedura; billi, madankollu, hija ma ħaditx l-opportunità biex tippreżenta l-osservazzjonijiet tagħha lill-kumitat responsabbli;

H. billi l-atti akkużata bihom is-Sinjura Le Pen m'għandhomx rabta diretta mal-eżerċizzju ta' dmirijietha bħala Membru tal-Parlament Ewropew u lanqas kliemha fl-opinjonijiet espressi jew voti mogħtija fil-kuntest tal-funzjonijiet tagħha bħala Membru tal-Parlament Ewropew għall-finijiet tal-Artikolu 8 tal-Protokoll Nru 7 dwar il-Privileġġi u l-Immunitajiet tal-Unjoni Ewropea;

I. billi, wara li kkunsidra l-Artikolu 8 tal-Protokoll Nru 7 dwar il-Privileġġi u l-Immunitajiet tal-Unjoni Ewropea, l-akkużi huma manifestament mhumiex relatati mas-sitwazzjoni ta' Marine Le Pen bħala Membru tal-Parlament Ewropew u jikkonċernaw biss attivitajiet ta' natura nazzjonali jew reġjonali, u billi għaldaqstant l-Artikolu 8 mhuwiex applikabbli;

J. billi hija biss din l-immunità koperta mill-Artikolu 9 tal-Protokoll Nru 7 dwar il-Privileġġi u l-Immunitajiet tal-Unjoni Ewropea li tista' titneħħa;

K. billi, wara li kkunsidra l-Artikolu 9 tal-Protokoll Nru 7 dwar il-Privileġġi u l-

Immunitajiet tal-Unjoni Ewropea, ma hemm l-ebda raġuni li wieħed jissuspetta li t-talba għat-tneħħija saret bħala attentat sabiex tiġi ostakolata l-ħidma parlamentari ta’ Marine Le Pen jew bl-intenzjoni li jiġi kkawżat dannu politiku għaliha (*fumus persecutionis*);

1. Jiddeċiedi li jneħħi l-immunità ta' Marine Le Pen;

2. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din id-deċiżjoni u r-rapport tal-kumitat responsabbli tiegħu minnufih lill-awtorità kompetenti fi Franza u lil Marine Le Pen.

## NOTA SPJEGATTIVA

### 1. L-isfond

Fis-seduta tad-19 ta' Jannar 2017, il-President ħabbar, skont l-Artikolu 9(1) tar-Regoli ta' Proċedura, li kien irċieva ittra mibgħuta lilu fid-9 ta' Diċembru 2016 mill-Prosekutur Ġenerali tal-Qorti ta' Appell ta' aix-en-Provence, Dr Pascal Guinot, b'talba għat-tneħħija tal-immunità ta' Marine Le Pen.

Il-Prosekutur Ġenerali tal-Cour d'appel ta' Aix-en-Provence fetaħ proċedura wara talba għat-tneħħija tal-immunità mis-Sra Tallone, Viċi President responsabbli għall-kumpilazzjoni fit-Tribunal de grande instance ta' Nizza.

B'konformità mal-Artikolu 9(1) tar-Regoli ta' Proċedura, il-President irrefera lura din it-talba lill-Kumitat għall-Affarijiet Legali.

It-talba għat-tneħħija tal-immunità parlamentari ta' Marine Le Pen hija magħmula fuq il-bażi li s-Sinjura Le Pen tista' tiġi raġonevolment suspettata li wettqet ir-reat ta' diffamazzjoni pubblika kontra uffiċjali eletti skont l-Artikoli 23(1), 29 (I), 30 u 31(1) tal-Att tad-29 ta' Lulju 1881, u l-Artikoli 93–2 u 93–3 tal-Att tad-29 ta' Lulju 1982.

Skont l-Artikolu 23(1) tal-Att tad-29 ta' Lulju 1881, "għandhom jiġu kkastigati bħala kompliċi ta' azzjoni kwalifikata delitt jew reat li, permezz ta' diskors, twerżiq theddid f'postijiet jew laqgħat pubbliċi , jew bil-miktub, stampati, tpinġijiet, inċiżjonijiet, żebgħa, simboli, stampi jew materjal ieħor miktub, bil-kliem jew immaġini mibjugħa jew imqassma, imqiegħda għall-bejgħ jew esposti f'postijiet jew laqgħat pubbliċi, jew b'billboards jew posters esposti fir-rigward tal-pubbliku, jew b'kull mezz ieħor ta' komunikazzjoni lill-pubbliku b'mezzi elettroniċi, ikunu direttament ikkawżaw lill-awtur jew l-awturi li jwettqu din l-azzjoni, jekk il-provokazzjoni tkun ipproduċiet effett."

Skont l-Artikolu 29(I) tal-Att imsemmi hawn fuq, "kull allegazzjoni jew imputazzjoni ta' att li jippreġudika l-unur jew il-kunsiderazzjoni tal-persuna jew tal-korp li lilu hija attribwita d-diffamazzjoni. Reklamar dirett jew permezz ta' riproduzzjoni ta' din l-istqarrija jew ta' din l-imputazzjoni hija punibbli, anke jekk din issir fil-forma dubjuża jew jekk din tikkonċerna persuna jew oġġett mhux speċifikament elenkati, iżda possibbli li tiġi identifikata bit-termini ta' diskorsi, it-twerżiq, theddid, bil-kitba jew stampati, billboards jew posters inkriminati."; u, skont l-Artikoli 30 and 31(1), "id-diffamazzjoni mwettqa b'wieħed mill-mezzi stabbiliti fl-Artikolu 23 lejn il-qrati, it-tribunali, l-armati tal-art, tal-baħar jew tal-ajru, il-korpi kostitwiti u l-amministrazzjonijiet pubbliċi, hija punibbli b'multa ta' EUR 45 000"; "għandha tiġi kkastigata bl-istess mod id-diffamazzjoni mwettqa permezz tal-istess mezzi, fir-responsabbiltà jew il-kwalità tagħhom, lejn il-President tar-Repubblika, membru wieħed jew aktar tal-Ministeru, membru wieħed jew aktar ta' Kamra waħda jew l-oħra, uffiċjal pubbliku, depożitarju jew aġent tal-awtorità pubblika, ministru ta' waħda mir-reliġjonijiet imħallsa mill-Istat, ċittadin responsabbli minn servizz jew mandat pubbliku temporanju jew permanenti, persuna li tkun ħadet ġuramentat jew xhud, fix-xhieda tiegħu. Kull espressjoni offensiva, kliem ta' disprezz jew infexx fl-invettivi li ma tinkludix l-imputazzjoni ta' ebda fatt tikkostitwixxi inġurja. "

L-Artikoli 93-2 u 93-3 tal-Att tad-29 ta' Lulju 1982 jaqraw kif ġej: "Kull servizz ta' komunikazzjoni lill-pubbliku b'mezzi elettroniċi għandu jkollu direttur tal-pubblikazzjoni.

Fejn id-Direttur tal-Pubblikazzjoni jgawdi mill-immunità parlamentari skont il-kondizzjonijiet previsti fl-Artikolu 26 tal-Kostituzzjoni u l-Artikoli 9 u 10 tal-Protokoll tat-8 ta' April 1965 dwar il-Privileġġi u l-Immunitajiet tal-Komunitajiet Ewropej, għandu jaħtar kodirettur tal-pubblikazzjoni magħżul minn fost il-persuni li ma jgawdux minn immunità parlamentari u, meta s-servizz ta' komunikazzjoni huwa pprovdut minn persuna ġuridika, minn fost il-membri tal-assoċjazzjoni, tal-bord tad-diretturi, tal-bord eżekuttiv jew il-managers fil-forma ta' dik il-persuna ġuridika. Dan il-kodirettur tal-pubblikazzjoni għandu jinħatar fi żmien xahar mid-data minn meta d-direttur tal-pubblikazzjoni jkun ingħata l-immunità msemmija fil-paragrafu preċedenti. Id-direttur u, possibbilment, il-kodirettur tal-pubblikazzjoni għandhom ikunu adulti, jibbenefikaw mit-tgawdija tad-drittijiet ċivili u ma jkunux ġew imċaħħda mid-drittijiet ċiviċi b'ebda kundanna kriminali. Bħala eċċezzjoni, minuri ta' sittax-il sena magħluqa jista' jinħatar direttur jew kodirettur tal-pubblikazzjoni mwettqa b'volontarjat. Ir-responsabilità tal-ġenituri ta' minuri ta' sittax-il sena magħluqa li jkun ġie maħtur direttur jew kodirettur ta' pubblikazzjoni ma tistax tiġi impenjata, abbażi tal-Artikolu 1242 tal-Kodiċi Ċivili, ħlief jekk il-minuri jkun wettaq fatt ta' natura li jagħti lok għar-responsabilità ċivili tiegħu stess, skont il-kondizzjonijiet previsti fil-liġi tad-29 ta' Lulju 1981 dwar il-libertà tal-istampa. Ir-rekwiżiti legali kollha imposti lid-direttur tal-pubblikazzjoni għandhom japplikaw għall-kodirettur tal-pubblikazzjoni.

Fejn is-servizz huwa pprovdut minn persuna ġuridika, id-direttur tal-pubblikazzjoni għandu jkun il-president tal-Bord tad-Diretturi jew tal-Bord Amministrattiv, il-manager jew ir-rappreżentant legali skont il-forma tal-persuna ġuridika. Fejn is-servizz huwa pprovdut minn persuna fiżika, id-direttur tal-pubblikazzjoni huwa dik il-persuna fiżika. U f'każ li wieħed mill-ksur previsti fil-Kapitolu IV tal-Liġi tad-29 ta' Lulju 1881 dwar il-libertà tal-istampa jitwettaq permezz ta' komunikazzjoni lill-pubbliku b'mezz elettroniku, id-direttur tal-pubblikazzjoni jew, fil-każ previst fit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 93-2 ta' din il-Liġi, il-kodirettur tal-pubblikazzjoni jiġu mħarrka bħala l-awtur prinċipali, meta l-messaġġ inkriminat ikun is-suġġett ta' deċiżjoni preċedenti għall-komunikazzjoni tiegħu lill-pubbliku. Fin-nuqqas, l-awtur, u jekk mhux l-awtur, il-produttur għandu jiġi mħarrek bħala l-awtur prinċipali. Meta d-direttur jew il-kodirettur tal-pubblikazzjoni jkun hemm dubju dwarhom, l-awtur ikun imħarrek bħala kompliċi. Tista' wkoll tiġi mħarrka bħala kompliċi kwalunkwe persuna li għaliha l-Artikolu 121–7 tal-Kodiċi Kriminali jkun applikabbli. Meta l-ksur jirriżulta minn messaġġ mibgħut minn utent tal-Internet lil servizz ta' komunikazzjoni lill-pubbliku online u jitqiegħed minn dan is-servizz għad-dispożizzjoni tal-pubbliku fi spazju ta' kontribuzzjonijiet personali identifikat bħala tali, id-direttur jew kodirettur tal-pubblikazzjoni ma jistgħux ikunu responsabbli kriminalment bħala awtur prinċipali jekk jiġi stabbilit li ma kinux jafu effettivament il-messaġġ qabel ma dan ikun tqiegħed online jew jekk ikunu jafuh, mill-mument li jkunu saru jafu biha, aġixxew mingħajr dewmien biex ineħħu dan il-messaġġ. "

Skont l-informazzjoni pprovduta mill-Prosekutur Ġenerali, fit-28 ta' Lulju 2015, Christian Estrosi ppreżenta quddiem id-Dekan tal-imħallfin tal-istruttorja ta' Nizza lment b'intervent ċivili kontra Marine Le Pen bl-akkuża ta' diffamazzjoni pubblika ta' ċittadin li għandu kariga pubblika temporanja. Is-Sur Estrosi jsostni li fit-3 ta' Mejju 2015, waqt il-programm *Le Grand Rendez-vous* imxandar simultanjament fuq iTELE u fuq Europe 1, is-Sinjura Le Pen għaddiet il-kummenti li ġejjin li jikkostitwixxu allegazzjonijiet jew attribuzzjonijiet ta' fatt li jippreġudikaw l-unur u r-reputazzjoni tiegħu: *"Isma', dak li naf hu dan: Is-Sur Estrosi iffinanzja UOIF (Unjoni ta' Organizzazzjonijiet Iżlamiċi fi Franza); Għal dan ġie kkundannat mill-qrati amministrattivi talli kkonċeda kirja baxxa ħafna lil moskea UOIF u anki l-Qorti Amministrattiva ċanfritu; li jikkorrispondi, fir-realtà, għall-mod kif dawn is-sindki*

*jiffinanzjaw illegalment il-moskej, bi ksur tal-liġi tal-1905"; "għajnuna, forniment ta' riżorsi, assistenza; meta wieħed jgħin fit-twaqqif, it-tixrid, u r-reklutaġġ tal-fundamentaliżmu Iżlamiku, b'xi mod, moralment, iva, jkun ftit kompliċi"*;

Barra minn hekk, Is-Sinjura Le Pen ġiet imsejħa darbtejn għall-eżami, iżda informatna, permezz tal-avukat tagħha, li hija kienet tibbenefika mill-immunità li tirriżulta mill-pożizzjoni tagħha ta' Membru tal-Parlament Ewropew.

Huwa nnotat ukoll li, skont il-każistika tal-Qorti tal-Kassazzjoni (Cass. Crim.26 ta' Mejju 1992), l-uniku rwol tal-qorti jkun li twettaq l-eżami inizjali tal-awtur ta' dawn ir-rimarki billi r-rwol ta' maġistrat eżaminatur ma jkunx, fi kwaistjonijiet ta' stampa, li jfittex jew jirċievi provi dwar il-verità ta' diffamazzjoni. Għalhekk, ikun meħtieġ li l-immunità parlamentari tas-Sinjura Le Pen titneħħa b'sempliċi għan li l-Qorti tal-Appell ta' Aix-en-Provence tkun tista' twettaq l-eżami inizjali tagħha dwar dan il-każ.

B'konformità mal-Artikolu 9(1) tar-Regoli ta' Proċedura, il-President irrefera lura din it-talba lill-Kumitat għall-Affarijiet Legali. Is-Sinjura Le Pen ġiet mistiedna sabiex tinstema' mill-Kumitat fid-29 ta' Mejju u t-12 ta' Ġunju 2017 skont l-Artikolu 9(5).

**2. Il-liġi u l-proċedura dwar l-immunità tal-Membri tal-Parlament Ewropew**

L-Artikoli 8 u 9 tal-Protokoll (Nru 7) dwar il-Privileġġi u l-Immunitajiet tal-Unjoni Ewropea jaqra kif ġej:

*"Artikolu 8*

*Membri tal-Parlament Ewropew m'għandhom ikunu suġġetti għal ebda forma ta' investigazzjoni, detenzjoni jew proċeduri legali, fir-rigward ta' opinjonijiet espressi jew voti mogħtija minnhom fil-qadi ta' dmirijiethom.*

*Artikolu 9*

*Waqt is-sessjonijiet tal-Parlament Ewropew, il-membri tiegħu, għandhom igawdu:*
*a. fit-territorju tal-Istat tagħhom stess, l-immunitajiet mogħtija lil membri tal-parlament tagħhom;*
*b. fit-territorju ta' kull Stat Membru ieħor, l-immunità minn kull tip ta' detenzjoni u minn proċeduri legali.*

*L-immunità bl-istess mod tkun tgħodd għall-Membri waqt li jkunu qed jivvjaġġaw lejn u mill-post fejn jiltaqa' l-Parlament Ewropew.*

*L-immunità ma tistax tintalab meta membru jinqabad fil-fatt ta' reat u ma tipprekludix lill-Parlament Ewropew milli jeżerċita d-dritt tiegħu li jirrinunzja għall-immunità ta' xi wieħed mill-membri tiegħu."*

L-Artikoli 6(1) u 9 tar-Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew jinqraw kif ġej:

*"Artikolu 6*
*Tneħħija tal-immunità*

*1. Kull talba għat-tneħħija tal-immunità għandha tkun ivvalutata skont it-termini tal-Artikoli 7, 8 u 9 tal-Protokoll dwar il-Privileġġi u l-Immunitajiet tal-Unjoni Ewropea u skont il-prinċipji li hemm riferiment għalihom fl-Artikolu 5(2).*

*Artikolu 9*
*Proċeduri dwar l-immunità*

*1. Kull talba indirizzata lill-President minn awtorità kompetenti ta' Stat Membru għat-tneħħija tal-immunità ta' xi Membru, jew minn Membru jew xi ħadd li kien Membru sabiex jitħarsu l-privileġġi u l-immunitajiet, għandha titħabbar fil-Parlament u tkun riferuta lill-kumitat responsabbli.*

*2. Bil-qbil tal-Membru jew l-ex-Membru kkonċernat, it-talba tista' ssir minn Membru ieħor, li għandu jitħalla jirrappreżenta lill-Membru jew lill-ex-Membru kkonċernat matul l-istadji kollha tal-proċedura.*

*Il-Membru li jirrappreżenta lill-Membru jew lill-ex-Membru kkonċernat m'għandux ikun involut fid-deċiżjonijiet meħuda mill-kumitat.*

*3. Il-kumitat għandu jikkunsidra mingħajr dewmien, imma billi titqies il-komplessità relattiva tagħhom, it-talbiet għat-tneħħija tal-immunità jew it-talbiet għall-ħarsien tal-privileġġi u tal-immunitajiet.*

*4. Il-kumitat għandu jagħmel proposta għal deċiżjoni motivata li tirrakkomanda l-adozzjoni jew iċ-ċaħda tat-talba għat-tneħħija ta' l-immunità jew għall-ħarsien tal-privileġġi u l-immunitajiet. Mhumiex ammissibbli emendi. Jekk proposta tiġi miċħuda, id-deċiżjoni kuntrarja għandha titqies li tkun ġiet adottata .*

*5. Il-kumitat jista' jitlob lill-awtorità kkonċernata għal informazzjoni jew spjegazzjoni li l-kumitat iqis li hija meħtieġa sabiex ikun jista' jifforma opinjoni dwar għandhiex l-immunità tiġi mneħħija jew imħarsa.*

*6. Il-Membru kkonċernat għandu jingħata l-opportunità li jinstema' u jista' jippreżenta kwalunkwe dokument jew evidenza oħra bil-miktub li jħoss li huma rilevanti.*

*Il-Membru ma għandux ikun preżenti matul id-dibattiti dwar it-talba għat-tneħħija jew il-ħarsien tal-immunità tiegħu, ħlief għas-smigħ innifsu.*

*Il-President tal-Kumitat għandu jistieden lill-Membru għas-smigħ, billi jindika d-data u l-ħin. Il-Membru jista' jirrinunzja d-dritt tiegħu li jipparteċipa fis-smigħ.*

*Jekk il-Membru ma jipparteċipax fis-smigħ wara dik l-istedina, jitqies li rrinunzja il-jedd li jkun mismugħ, sakemm ma jitlobx li jkun eżonerat mis-smigħ f'dik id-data u ħin kif proposti, u jagħti r-raġunijiet. Il-President tal-Kumitat għandu jieħu deċiżjoni*

*dwar jekk tali talba li dak li jkun ikun skużat tintlaqax fid-dawl tar-raġunijiet mogħtija, u ma jkun permess l-ebda appell fuq dan il-punt.*

*Jekk il-President tal-Kumitat jilqa t-talba għal eżoneru, jenħtieġ li jistieden lill-Membru jinstema' f'data u ħin ġodda. Jekk il-Membru jonqos milli jimxi mat-tieni stedina li jinstema', il-proċedura tissokta mingħajr ma jinstema' l-Membru. Ebda talba oħra għal eżoneru, jew għas-smigħ, ma tintlaqa' minn dan l-istadju 'l quddiem.*

*7. Jekk it-talba tfittex li tneħħi l-immunità jew id-difiża għal iktar minn raġuni waħda, kull waħda minn dawn ir-raġunijiet tista' tkun suġġetta għal deċiżjoni separata. Ir-rapport tal-kumitat jista', bħala eċċezzjoni, jipproponi li t-tneħħija jew id-difiża tal-immunità tapplika biss għal proċeduri ta' prosekuzzjoni u li, sakemm tingħata sentenza definittiva, il-Membru għandu jkun immuni minn kull forma ta' detenzjoni jew limitazzjoni tal-libertà jew minn kull miżura li ma tħallihx iwettaq id-dmirijiet marbuta mal-mandat tiegħu.*

*8. Il-kumitat jista' jagħti parir motivat dwar il-kompetenza ta' l-awtorità in kwistjoni u dwar l-ammissibiltà tat-talba, iżda fl-ebda ċirkustanza m'għandu jippronunzja ruħu dwar il-ħtija jew l-innoċenza tal-Membru, u lanqas dwar jekk l-opinjonijiet u l-atti attribwiti lilu jiġġustifikawx jew le l-prosekuzzjoni tiegħu, anke jekk, waqt li jkun qed jikkunsidra t-talba, jikseb tagħrif dettaljat tal-fatti tal-każ.*

*(...)*

**3. Ġustifikazzjoni għad-deċiżjoni proposta**

Abbażi tal-fatti msemmija hawn fuq, dan il-każ jikkwalifika għall-applikazzjoni tal-Artikolu 9 tal-Protokoll Nru 7 dwar il-Privileġġi u l-Immunitajiet tal-Unjoni Ewropea.

Skont dik id-dispożizzjoni, il-Membri jgawdu, fit-territorju tal-Istat tagħhom stess, l-immunitajiet mogħtija lil membri tal-Parlament ta' dak l-Istat Membru; .Mill-banda l-ħora, l-Artikolu 26 tal-Kostituzzjoni Franċiża jipprovdi li l-ebda Membru tal-Parlament ma jista’ jiġi suġġett għal proċeduri kontrih, jiġi mfittex, arrestat, detenut jew iġġudikat minħabba opinjonijiet espressi jew voti mogħtija fil-qadi tad-dmirijiet uffiċjali tiegħu u l-ebda Membru tal-Parlament ma jista’ jiġi arrestat għal reat jew ikun suġġett għal kwalunkwe miżura oħra li ċċaħħad jew li tirrestrinġi l-libertà mingħajr l-awtorizzazzjoni tal-parlament.

Sabiex jiġi deċiż jekk hemmx lok għat-tneħħija tal-immunità parlamentari ta' Membru, il-Parlament Ewropew japplika l-prinċipji konsistenti tiegħu stess. Wieħed minn dawn il-prinċipji huwa li l-immunità normalment titneħħa meta r-reat jaqa' taħt l-Artikolu 9 tal-Protokoll Nru 7, sakemm ma jkunx hemm fumus persecutionis, jiġifieri, suspett serju u preċiż biżżejjed li l-kwistjoni qed titressaq quddiem qorti bl-intenzjoni li tiġi kkawżata ħsara politika lill-Membru kkonċernat.

Ma hemmx lok li jitqies li hemm *fumus persecutionis* f’dan il-każ.

F'dak li jikkonċerna l-Artikolu 8 tal-Protokoll Nru. 7 dwar il-Privileġġi u l-Immunitajiet tal-

Unjoni Ewropea, il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea sostniet li, sabiex Membru tal-Parlament Ewropew ikun kopert bl-immunità assoluta taħt dik id-dispożizzjoni, opinjoni trid tingħata mill-Membru fil-qadi ta' dmirijietu, u dan jimplika r-rekwiżit ta' rabta diretta u ovvja bejn l-opinjoni espressa u d-dmirijiet parlamentari[1].

Jidher biċ-ċar li mhux il-każ hawnhekk li dikjarazzjonijiet allegatament magħmula mis-Sinjura Le Pen jikkostitwixxu l-opinjonijiet tagħha bħala Membru tal-Parlament Ewropew fil-qadi ta' dmirijietu skont it-tifsira tal-Artikolu 8 tal-Protokoll Nru 7 dwar il-Privileġġi u l-Immunitajiet tal-Unjoni Ewropea, kif interpretat mill-Qorti tal-Ġustizzja.

**4. Konklużjoni**

Fuq il-bażi tal-kunsiderazzjonijiet ta' hawn fuq u skont l-Artikolu 9(4) tar-Regoli ta' Proċedura, il-Kumitat għall-Affarijiet Legali jirrakkomanda li l-Parlament Ewropew għandu jneħħi l-immunità parlamentari tas-Sinjura Marine Le Pen.

[1] Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tas-6 ta' Settembru 2011, *Patriciello*, C-163/10, ECLI: EU:C:2011:543, para. 35.

## INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI FIL-KUMITAT RESPONSABBLI

| | |
|---|---|
| **Data tal-adozzjoni** | 13.6.2017 |
| **Riżultat tal-votazzjoni finali** | +: 14<br>–: 1<br>0: 2 |
| **Membri preżenti għall-votazzjoni finali** | Joëlle Bergeron, Mady Delvaux, Rosa Estaràs Ferragut, Laura Ferrara, Mary Honeyball, Sajjad Karim, Sylvia-Yvonne Kaufmann, António Marinho e Pinto, Emil Radev, Evelyn Regner, Pavel Svoboda, Axel Voss, Tadeusz Zwiefka |
| **Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali** | Daniel Buda, Angel Dzhambazki, Heidi Hautala, Jens Rohde |